*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 69– 23 t' Awwissu 2023**

***Minuti tad-disgħa u sittin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret fil-23 t' Awwissu 2023 fis-6pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sitta ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 69. Il-laqgħa bdiet fis-6pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Mark Camilleri** | Sindku |
| | **Clive Azzopardi** | Viċi-Sindku |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Anthony Borg** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |

***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**Il-Kunsill kien infurmat li l-Kunsilliera Steve Zammit Lupi u Kevin Glynn ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa. Il-Kunsillier Philip Edrick Zammit ma avżax li ma kienx ser jattendi.**

**69.2 Approvazzjoni tal-Minuti;**

**Is-Sindku Mark Camilleri ressaq is-sett tal-minuti għall-approvazzjoni tal-Kunsill Huwa kien sekondat mill-Kunsillier Clive Azzopardi. Kien hemm qbil unanimu. Il-minuti ġew approvati.**

**69.3 Bord ta' Evalwazzjoni tat-Tenders**

**Dwar it-tender ta' tisbih ta' fejn il-Barumbara, is-Sindku Mark Camilleri nforma lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Public Works kienu naddfu z-zona nvoluta.**

**Is-Sindku Mark Camilleri qal li l-Bord tal-Evalwazzjoni kien qed ikollu diffikultajiet sabiex jiltaqa, pero suppost kellu jiltaqa l-ġimgħa ta' wara, sabiex jibda jiddiskuti l-offerti.**

**Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fix-xahar ta' Settembru kellu jibda r-restawr fuq il-Kappella tal-Madonna tad-Dawl mid-Dipartiment tar-Restawr. Il-Kunsill kien nfurmat ukoll li l-Perit daħħal applikazzjoni għall-arloġġ tad-dawl ġewwa Bieb de Rohan sabiex ikun jista jinxtegħel l-istess bieb.**

**69.4 Tender tal-Knis**

**Wara diskussjoni, is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-ammont allokat mid-Dipartiment għall-knis huwa ta Eur118,000. Il-Kunsill allura huwa f'pożizzjoni aħjar sabiex jiddetermina il-kwantita ta' kenniesa li jirrikjedi.**

**Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li sal-laqgħa li jmiss ser tintbagħat informazzjoni dwar kontenut ta' tenders oħra li jinkludu l-knis, sabiex il-Kunsill jiddeċiedi x'ser jinkludi mal-knis bħal tindif ta' culverts, u tindif ta' soft areas.**

**69.5 Soft Areas**

**Is-Sindku Mark Camilleri qal li jeħtieġ li t-tender li nħareġ ghas-soft areas ikun aġġudikat sabiex dawn jibdew jinżammu fi stat tajjeb.**

**69.6 Attivitajiet**

**Is-Sindku Mark Camilleri nforma lill-Kunsill li kienet ser issir attivita fil-Ġnien tal-Grazzja fit-30 t' Awissu 2023 għall-prezz ta' Eur8.**
**Fid-9 ta' Settembru 2023, il-Kazin San Ġużepp ser jorganizza attivita sportiva u għaldaqstant għandha tingħata l-istess opportunita liż-żewġ każini l-oħra sabiex dawn ukoll ikunu jistgħu jorganizzaw attivitajiet tagħhom fl-istess ħinijiet.**
**Fil-21 ta' Settembru 2023 ser issir attivita bil-muturi ġewwa Misraħ San Filep. Ser issir quddiesa bil-partecipazzjoni tas-sidien tal-muturi.**
**Intqal ukoll li jsir quiz fl-okkażżjoni ta' Ġieħ Ħaż-Żebbuġ bejn rappreżentanti tal-każini.**
**Fis-17 ta' Novembru ser isir Oratorju f'Ġieħ San Filep f'isem il-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ.**

**Is-Sindku Mark Camilleri nforma wkoll li bħalissa Ray Saliba qed jipprepara ktieb fuq il-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ filwaqt li Andre Galea qed jħejji ktieb fuq bolol relatati ma' Ħaż-Żebbuġ mill-1938 s'issa. Intalbet stima għal 500 ktieb.**

**Il-Kunsillier George Cortis irringrazzja lil l-ex Sindku Sarah Agius Saliba u lill-Ministru Ian Borg għax-xogħlijiet li twettqu Ħaż-Żebbuġ u kkummenta li jixtieq li l-statwa ta Santa Marija tkun restawrata. Il-Kunsillier George Cortis talab li jingibu fondi sabiex titnaddaf l-istatwa ta' Santa Marija filwaqt li tingħata żabra lis-siġar.**

**69.7 Vot tal-Flus**

**Il-Kunsillier David Battistino talab li jsir rendikont finanzjarju ta' kull attivita. Il-Kunsillier Anthony Borg qal li ser jingħata rendikont ta' kollox fil-laqgħat li jmiss.**

**Waqt diskussjoni dwar il-vot tal-flus, tqajmu mistoqsijiet dwar items 15 u 16 tal-vot tal-flus li huma pagamenti lil Saviour Grixti u li jammontaw għal Eur13,482 u Eur17,192.60. Dawn jirraprezentaw kontijiet għall-bini ta' diversi bankini, tqegħid ta' madum fi Vjal il-Ħelsien, tiswijiet ta' toqob tal-festa, rampa ġdida għall-aċċessibilita u xogħol ieħor.**

**Il-Kunsilliera Patrick Bonnici, George Cortis u David Battistino qalu li ma kienux nfurmati b'dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsillier David Battistino qal li qatt ma nġabet lista dwar ix-xogħlijiet li għandhom isiru u għalhekk ma tistax issir l-approvazzjoni tagħhom. Min-naħa tiegħu is-Sindku sostna li hu kien għamel talba għall-informazzjoni mingħand il-membri tal-Kunsill sabiex jghaddulu t-talbiet tagħhom f'każ li jafu b'xi bankini li jridu jissewwew dawn jiġu mgħoddija lilu. Huwa kompla jsostni li allura huma kienu nfurmati li ser jsiru xi xogħlijiet anke minħabba l-fatt li rampa għall-aċċessibilita li saret kienet mitluba mill-Kunsillier Kevin Glynn. Il-Kunsillier David Battistino qal li dawn ix-xogħlijiet jeċċedu l-Eur5,000 u għaldaqstant ma setgħux isiru b' direct order. Is-Sindku qal li ix-xogħlijiet individwalment huma kollha żgħar u individwalment ma jeċċedux il- Eur5,000.**

**Waqt diskussjoni, is-Sindku talab li l-laqgħa tkun sospiża għall-ftit minuti. Il-Kunsillier George Cortis ħareġ mil-laqgħa fit-8:15pm minħabba li ħass li l-laqgħa m'għandhiex tkun sospiża.. Għaldaqstant ma kienx hemm quorum u l-laqgħa kellha tispiċċa mmedjatament.**

**69.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss**

**Din il-laqgħa għandha titkompla f'data oħra li għadha mhiex stabilita.**

**Mark Camilleri**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Eżekuttiv**

***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*